MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Numru 417/2005

Il-Pulizija
(Sp Malcolm Spiteri)
vs
David Caruana, iben Anthony,
imwieled Sliema fis-6 ta' lulju, 1972
u
James Caruana, iben Anthony,
imwieled Sliema fit-22 ta'
mejju, 1965

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fis-16 ta' settembru, 2004 għal ħabta tas-2.00 p.m. ġewwa Valletta Road, Luqa b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew nuqqas ta' ħila jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti u mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew iqiegħdu l-ħajja f'perikolu ċar, ikkaġunaw feriti ta' natura gravi fuq il-

persuni ta’ Peter Paul Attard minn Ħaż-Żebbuġ, Ruben callus mill-Kalkara u Bjorn Vassallo minn Ħal-Għaxaq liema offiżi ġew magħmula b’ksur fis-sider ta’ l-istess Peter Paul Attard, ksur fin-naħa tal-lemin tal-mandibola fuq il-persuna ta' Ruben Callus u ksur fix-xedaq ta’ Bjorn Vassallo;
2. talli bħala sidien ta’ l-istabiliment CAS Aluminium Systems Ltd. kienu fid-dmir li jqabbdu persuna kompetenti sabiex tiċċertifika il-lift installat fl-istess fond;
3. talli kienu fid-dmir bħala sidien liċenzjati ta’ l-istabiliment CAS Aluminium Systems Ltd. li jiċċertifikaw is-saħħa u is-sigurta’ fuq il-post tax-xogħol minnhom responsabbbli f’kull mument waqt il-ħin yax-xogħol ta’ l-istess Peter paul Attard, Ruben Callus u Bjorn Vassallo.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tinfliġġi l-piena marbuta ma dawn ir-reati, tordna lill-imputati li jħallsu l-ispejjeż skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ ġunju, 2005 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat
l-artikoli 216(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 3(3) ta’ l-A. L. 47 ta’ l-1964 u
l-artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundanna lil kull wieħed
mill-imputati għal piena ta’ sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma għandhiex iseħħ ħlief jekk fil-perjodu ta’ sena
mil-lum l-imputati jikkomettu reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Inoltre, tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati li jħallsu multa ta’ ħames mitt lira maltin (Lm500). Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------